



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10070/22

ESPACE 68
MARE 47
RECH 367
COMPET 487
MI 466
IND 225
ENV 598
EU-GNSS 25
TRANS 371
TELECOM 265
ENER 294
EMPL 253
CSDP/PSDC 350
CFSP/PESC 755

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 10 ta' Ġunju 2022

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9389/22

Suġġett: Copernicus sal-2035

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fl-10/06/2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Copernicus sal-2035",
adottati mill-Kunsill fit-3877 laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Ġunju 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Copernicus sal-2035**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****FILWAQT LI JFAKKAR**

- A. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Soluzzjonijiet spazjali għal Artiku sostenibbli" tad-29 ta' Novembru 2019¹, li jirrikonoxxu l-kapaċitajiet notevoli tal-Ewropa fl-osservazzjoni tad-Dinja u l-importanza tagħhom għall-monitoraġġ u l-ġlieda kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima fl-ambjent tal-Artiku; jinnota, madankollu, xi lakuni li fadal fil-kapaċitajiet u s-servizzi ta' monitoraġġ;
- B. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Ispazju għal Ewropa sostenibbli" tal-4 ta' Ġunju 2020², li jissottolinjaw li x-xjenza tad-dinja u d-data, is-servizzi u t-teknoloġiji spazjali Ewropej jistgħu jikkontribwixxu għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, u li jappellaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw u jippromwovu l-użu tad-data u s-servizzi;
- C. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Ispazju għall-persuni fiż-żoni kostali Ewropej" tat-28 ta' Mejju 2021³, li jenfasizzaw li s-servizzi u l-applikazzjonijiet ta' Copernicus jipprovdu kontribut imprezzabbli għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-għodod ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' ppjanar għall-benefiċċju aħħari taċ-ċittadini;
- D. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Spazju Ġdid għall-Persuni" tat-28 ta' Mejju 2021⁴ li jappellaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali (EUSPA) biex irawmu, permezz ta' pjan ta' azzjoni, l-adozzjoni ta' servizzi spazjali billi jstimulaw l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet spazjali f'firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE u jżidu l-kompetittività tal-industrija spazjali downstream tal-UE;

¹ 14603/19.

² 8512/20.

³ 9164/21.

⁴ 9163/21.

- E. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – l-Istrateġija l-għdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" tal-10 ta' Ġunju 2021⁵, li jenfasizzaw b'mod partikolari l-importanza li jiġu żviluppati aktar is-servizzi ta' Copernicus għall-valutazzjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima;

I. Introduzzjoni: Is-sitwazzjoni attwali u x-xejriet

1. IFAKKAR li Copernicus huwa sistema operazzjonali ċivili u mmexxija mill-utenti, mibnija biex twiege b għall-isfidi soċjetali ewlenin u bbażata fuq kompetenza xjentifika soda, li tiġġenera data u informazzjoni b'aċċess liberu u miftuħ; JISSOTTOLINJA li, b'Copernicus, l-Unjoni hija mexxejja dinjija bil-kapaċità li tosserva, timmonitorja d-Dinja u tbassar il-bidliet, b'mod partikolari bl-użu tal-immudellar, u taqdi lill-utenti xjentifiċi, istituzzjonali u kummerċjali, u li Copernicus diġà qed jagħti bosta riżultati tanġibbli għall-Ewropa, pereżempju fis-servizzi tal-klima, fil-monitoraġġ ambjentali tal-art, tal-baħar u tal-atmosfera, għall-ġestjoni tad-diżastri u għas-sigurtà ċivili;
2. JISSOTTOLINJA li, sabiex l-Ewropa tinżamm fuq quddiem nett, il-kontinwità u t-titjib kontinwu tas-Servizzi ta' Copernicus u tal-kapaċitajiet u tad-data ta' osservazzjoni in situ u tal-ispazju, mhux biss għandhom jiġu ggarantiti, iżda wkoll imtejba u estiżi għal tipi ġodda ta' kapaċitajiet ta' osservazzjoni u għal servizzi ġodda bbażati fuq rekwiżiti xjentifiċi u istituzzjonali aġġornati tal-utenti u li jibbenefikaw mill-aħħar għarfien teknoloġiku u xjentifiku;
3. IFAKKAR li l-viżjoni ta' Copernicus sal-2035 trid tqis ix-xejriet ewlenin f'termini tal-utenti ewlenin tagħha u għandha ssegwi mill-qrib il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, l-isfidi ambjentali u l-avvanzi teknoloġiċi, filwaqt li tistinka biex iżżid il-kapaċità tagħha li tindirizza l-isfidi tas-soċjetà skont tliet pilastri: il-Patt Ekoloġiku, b'mod partikolari l-isfida tal-klima, it-tranżizzjoni diġitali, u s-sigurtà ċivili, li flimkien jikkontribwixxu għal Ewropa aktar reżiljenti;

⁵ 9694/21.

4. JISSOTTOLINJA li s-suċċess ta' Copernicus jiddependi fuq l-għarfien espert tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri, u tas-sħab ewlenin, jiġifieri l-organizzazzjonijiet kollha li jgħibu l-għarfien espert tagħhom ta' livell għoli lil Copernicus: l-Aġenzija Spazjali Ewropea, l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Utilizzazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi, l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali, iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju, il-Mercator Ocean International, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, u l-Frontex, kif ukoll organizzazzjonijiet tal-industrija u tar-riċerka Ewropej; JIRRIKONOXXI li l-governanza ta' Copernicus qdiet, u ser tibqa' taqdi_rwol ewlieni fis-suċċess tal-programm; IFAKKAR li l-Forum tal-Utenti ta' Copernicus huwa l-korp espert dwar il-ħtiġijiet tal-utenti u dwar l-adozzjoni mill-utenti; u JISSOTTOLINJA l-importanza tar-rwol tal-Forum tal-Utenti tul il-katina tal-valur kollha;
5. JAPPELLA għall-evoluzzjoni tas-servizzi ta' Copernicus u tad-data sal-2035, sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi u ambjentali tal-Patt Ekoloġiku, jiġifieri t-trasformazzjoni lejn żvilupp sostenibbli, inkluż il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, b'mod partikolari permezz ta' monitoraġġ imtejjeb tas-CO₂;
6. IFAKKAR li Copernicus jipprovdi għodod u indikaturi xjentifikament rilevanti għall-valutazzjoni tal-istat attwali tal-klima, tal-kawżi u tax-xejriet, iżda wkoll għal projezzjonijiet fit-tul ta' xenarji tat-tibdil fil-klima, u b'hekk jiġi pprovdut appoġġ siewi lil dawk li jfasslu l-politika u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, kif ukoll lill-atturi ekonomiċi u liċ-ċittadini; u JENFASIZZA r-rwol ewlieni ta' Copernicus fl-iżgurar tad-disponibbiltà ta' data kruċjali, fil-monitoraġġ u l-kejl tal-progress biex jintlaħqu xi wħud mill-miri tal-Ftehim ta' Pariġi, fosthom l-appoġġ għall-istima tar-rendikont globali, u fid-deċiżjonijiet meħuda f'Konferenzi sussegwenti tal-Partijiet;

7. JISSOTTOLINJA r-rwol ewlieni li jrid jaqdi Copernicus fl-appoġġ ta' deċiżjonijiet u ta' azzjonijiet pubbliċi, partikolarment f'oqsma bħall-bijodiversità u l-ekosistemi, is-saħħa bħala parti minn approċċ ta' "saħħa waħda", l-appoġġ għall-enerġija nadifa, il-ġlieda kontra t-tniġġis, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, is-sostenibbiltà urbana, it-trasport u l-mobbiltà intelliġenti, ir-riżorsi tal-ikel u tal-ilma, il-krijosfera, il-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani, iż-żoni kostali, is-sorveljanza marittima, il-forestrija, l-agrikoltura sostenibbli, ir-riżorsi naturali, il-wirt kulturali, id-deżertifikazzjoni, il-ġestjoni tar-riskju u l-ġestjoni tad-diżastri bħal perikli idroloġiċi jew ġeoloġiċi;
8. JISSOTTOLINJA l-importanza li jitqiesu x-xejriet ġodda li ġejjin sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji tagħhom għall-programm Copernicus:
- i. Dwar it-teknoloġiji:
- Osservazzjonijiet addizzjonali tad-Dinja permezz ta' kejl u strumenti ġodda;
 - Osservazzjonijiet addizzjonali tad-Dinja permezz ta' arkitetturi ġodda u mudelli ta' negozju ġodda, speċjalment kostellazzjonijiet pubbliċi jew kummerċjali u opportunitajiet ta' Spazju Ġdid;
- ii. Dwar ix-xjenza:
- L-impatt tal-evoluzzjoni tax-xjenza tal-computing fuq il-mudelli numeriċi tas-sistema tad-Dinja fil-komponenti kollha tagħha, inkluż l-approċċ għal sistemi u ensembles akkoppjati tal-immudellar;
- iii. Dwar id-diġitali:
- It-trasformazzjoni diġitali, inkluż il-computing ta' prestazzjoni għolja, l-analitika tal-big data, l-intelliġenza artifiċjali, il-fużjoni u l-viżwalizzazzjoni tad-data, il-preservazzjoni tad-data fit-tul, sal-kunċett ta' ġemellaġġ diġitali;

9. IFAKKAR fl-aspettattiva tal-Istati Membri li jiġu żviluppati l-kapaċitajiet tal-UE għall-ġestjoni tal-emerġenzi, u ta' servizzi tas-sigurtà b'appoġġ għal Ewropa aktar reżiljenti; u JENFASIZZA l-ħtieġa li jissaħħa il-portafoll tas-Servizz ta' sigurtà bi żviluppi bħal aktar kapaċitajiet ta' twissija bikrija u ta' valutazzjoni tar-riskju għall-monitoraġġ u l-analiżi ta' spostament potenzjali tal-popolazzjoni minħabba l-impatti tat-tibdil fil-klima;
10. IFAKKAR fil-ħtieġa li ilha teżisti għal aktar reattività u aktar preċiżjoni fl-akkwist u d-distribuzzjoni tad-data, inkluż permezz ta' flessibbiltà u tempestività akbar fil-programmazzjoni tas-satelliti fuq iż-żona mitluba;
11. IFAKKAR li l-adozzjoni mill-utenti ta' Copernicus hija prijorità u li s-servizzi, id-data u l-informazzjoni jridu jkunu faċli għall-utent, rilevanti għall-ħtiġijiet tas-soċjetà, u għal daww ekonomiki u ambjentali u jridu jkunu utli l-ewwel għall-awtoritajiet pubbliċi, iżda wkoll għall-atturi xjentifiċi, ekonomiki u għaċ-ċittadini;
12. JISSOTTOLINJA li l-aċċess faċli u flessibbli għad-data u l-użu tagħha, inkluż id-data kollha meħtieġa għas-Servizzi ta' Copernicus, iridu jiġu ffaċilitati u li Copernicus jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp minn tarf sa tarf ta' katina tal-valur Ewropea, inkluż it-trawwim tas-settur downstream, billi jimplimenta u jippromwovi pjattaformi Ewropej ta' aċċess għad-data u għall-informazzjoni li jkunu faċli għall-utent u, fejn xieraq, effiċjenti kemm jista' jkun fl-użu tal-enerġija;

II. Rakkomandazzjonijiet

13. JIKKONFERMA li Copernicus huwa programm ċivili, operazzjonali u ffokat fuq l-utent, immexxi mill-UE b'appoġġ għall-Patt Ekoloġiku, it-tranżizzjoni diġitali u s-sigurtà ċivili, li flimkien jikkontribwixxu għal Ewropa aktar reżiljenti; JIRRAKKOMANDA li tinżamm il-prijorità tat-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġu appoġġati l-politiki ta' mitigazzjoni u adattament; U JIRRAKKOMANDA li l-politika dwar id-data ħielsa, sħiħa u miftuħa fir-rigward ta' Copernicus għandha tinżamm;
14. JAPPELLA għal kontinwità msaħħa fit-tul tal-ispazju attwali u l-osservazzjonijiet u s-Servizzi in situ;

15. IHEĠĠĠĠ l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet għal Copernicus li għadhom ma ġewx implimentati, fosthom is-Satelliti Sentinel tal-Ġenerazzjoni li Jmiss u s-sitt missjonijiet ta' Espansjoni ta' Copernicus u l-appoġġ iddedikat għal oqsma ta' politika bħall-Artiku, iż-żoni kostali, il-wirt kulturali, u l-konformità ambjentali, filwaqt li titqies is-sigurtà tas-segment spazjali u terrestri u l-integrità tad-data; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu indirizzati servizzi ġodda bħall-agrikoltura, is-sigurtà tal-ikel u tal-ilma; u JIRRAKKOMANDA t-tnejn tal-evoluzzjoni fit-tul tal-familja Sentinel, abbażi ta' rekwiżiti aġġornati tal-utent;
16. JIRRAKKOMANDA li r-risposti għar-rekwiżiti ewlenin tal-utenti għandhom ikunu ffokati b'mod ċar fuq l-għoti ta' informazzjoni li tista' tintuża kif ukoll informazzjoni mhux korrotta, u għandhom jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni fi djalogu trasparenti u strutturat f'koordinazzjoni mal-Forum tal-Utenti ta' Copernicus;
17. JAPPELLA għall-allokazzjoni ta' fondi adegwati għar-riċerka u l-iżvilupp u l-operazzjonijiet tas-Servizzi ta' Copernicus biex tiġi żgurata t-tnejn ta' servizzi ġodda u proġetti ġodda li jieħdu vantaġġ mid-data futura, u l-integrazzjoni aħjar tagħhom, inkluż ma' sorsi oħra, sabiex tinżamm il-kapaċità tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-kompetittività internazzjonali ta' Copernicus; u JENFASIZZA li trid tingħata aktar attenzjoni lejn is-sostenibbiltà tal-infrastruttura tal-osservazzjoni tad-Dinja tul il-katina tal-valur u għall-monitoraġġ tal-impronta ambjentali tagħha;
18. JENFASIZZA li l-interfaċċa mal-programm Ewropa Diġitali għandha tiġi segwita bir-reqqa, inkluż l-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja;
19. JIRRAKKOMANDA t-tisħiħ tas-segment spazjali ibridu ta' Copernicus xprunat mir-rekwiżiti ewlenin tal-utenti u l-konsiderazzjoni tal-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Forum tal-Utenti ta' Copernicus; JIRRAKKOMANDA d-definizzjoni ta' liema kapaċitajiet u servizzi għandhom jissaħħu fl-"arkitettura Sentinel" sabiex jiġu ggarantiti l-awtonomija u r-reżiljenza; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta sa fejn il-missjonijiet Sentinel, li huma meqjusa bħala s-sinsla tal-infrastruttura ta' Copernicus, jistgħu jiġu kkomplementati b'kapaċitajiet pubbliċi u/jew kummerċjali Ewropej addizzjonali, b'attenzjoni partikolari lejn soluzzjonijiet ta' Spazju Ġdid;

20. JIRRAKKOMANDA, bħala triq 'il quddiem, li jiġi vvalutat kif is-segment spazjali ibridu ta' Copernicus jista' jibbenefika minn kapaċitajiet, innovazzjonijiet u kisbiet fl-effiċjenza addizzjonali fl-osservazzjoni tad-Dinja, inkluż l-għoti ta' kompiti flessibbli u dinamiċi, reviżjonijiet aktar frekwenti, kif ukoll immaġnijiet ta' riżoluzzjoni oġġla, biex jiġu appoġġati s-Servizzi ta' Copernicus kważi f'ħin reali sabiex jiġu ssodisfati d-domandi li jinbidlu b'mod kostanti, filwaqt li jitqiesu r-riskji għall-interessi tas-sigurtà tal-UE;
21. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu żgurati l-kalibrazzjoni u l-validazzjoni ta' data satellitari u ta' prodotti ta' informazzjoni, bl-użu ta' data in situ affidabbli u ta' kwalità għolja, bi kwalità dokumentata, aċċess għal data lesta għall-analiżi, il-fużjoni ta' data mis-sorsi kollha u riżoluzzjonijiet differenti, kif ukoll id-disponibbiltà rapida ta' data ta' kwalità għolja sabiex jiġi massimizzat l-użu tagħha;
22. JAPPOĠĠA l-ambizzjoni li jiġu offruti data u prodotti pubbliċi avvanzati biex jitrawmu attivitajiet kummerċjali downstream; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li Copernicus jista' jaqdi rwol importanti għall-industrija tal-UE billi joffri kuntratti għall-ksib ta' data ta' standard minimu abbażi tal-ħtiġijiet tal-utenti, il-kwalità tad-data u r-rilevanza xjentifika;
23. JIRRAKKOMANDA li jiżdiedu l-isforzi fl-implimentazzjoni ta' politiki biex jitrawwem l-użu tad-data ta' Copernicus fis-servizzi pubbliċi, fil-livell Ewropew u dak nazzjonali, f'setturi mhux spazjali, u jitneħħew l-ostakli għall-politiki u r-regolamenti li jxekklu l-użu tagħhom fejn meħtieġ;
24. IQIS li l-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-osservazzjonijiet tad-Dinja hija essenzjali biex jintlaħqu b'mod effettiv l-oġettivi ta' politika internazzjonali komuni; u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal reċiproċità fi ftehimiet u arranġamenti amministrattivi nnegożjati ma' sħab internazzjonali u l-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ bejn l-awtonomija u l-kooperazzjoni tal-UE, inkluż permezz ta' interfaċċi aktar effettivi ma' gruppi u istituzzjonijiet internazzjonali ta' osservazzjoni tad-Dinja;

25. Dwar l-adozzjoni mill-utenti:

- a. JIRRAKKOMANDA l-parteċipazzjoni attiva u l-opinjoni infurmata tal-Forum tal-Utenti ta' Copernicus, ibbażati b'mod partikolari fuq il-feedback mill-utenti u mill-Istati Membri, għall-iżvilupp tas-Servizzi, inkluż id-data u l-prodotti spazjali, kif ukoll għall-akkwist ta' data ġdida, l-użu ta' informazzjoni addizzjonali u għall-adozzjoni mill-utenti ta' Copernicus;
- b. JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi implimentata mill-inqas pjattaforma waħda ta' aċċess għad-data u l-informazzjoni ta' Copernicus assoċjata mar-riżorsi tal-computing biex jiġu appoġġati l-ekosistemi ekonomiċi u r-riċerka; u ta' networking ta' pjattaformi nazzjonali tad-data sabiex jiġi żgurat aċċess Ewropew sostenibbli u indipendenti għad-data u l-prodotti tal-informazzjoni;
- c. JIRRAKKOMANDA lill-Kummissjoni, flimkien mal-entitajiet fdati ta' Copernicus, inkluż l-EUSPA, u bl-involviment tal-Istati Membri, biex tiddefinixxi strateġija koerenti ta' adozzjoni mill-utenti u l-pjan ta' azzjoni assoċjat sa nofs l-2023 sabiex jiġu appoġġati l-politiki tal-UE u dawk nazzjonali, filwaqt li jiġi mmirat il-ħolqien ta' valur soċjoekonomiku permess mill-programm spazjali tal-UE, b'mod partikolari:
 - i. l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet biex id-data u l-prodotti ta' Copernicus isiru aktar faċli biex jintużaw għal deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza, speċjalment għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-istituzzjonijiet inkarigati mill-politiki pubbliċi;
 - ii. il-ħtieġa li jiġu żviluppati servizzi trażversali u multidixxiplinari meħtieġa għall-iżvilupp tal-adozzjoni mill-utenti inkluż minn atturi mhux spazjali;
 - iii. l-arrikkiment reċiproku bejn diversi komponenti tal-programm spazjali tal-UE bħal Galileo u Copernicus;

- iv. l-appoġġ għall-fora nazzjonali tal-utenti, il-Copernicus relays u l-Akkademja Copernicus u inizjattivi oħra mmexxija fuq livell nazzjonali li jagħmlu użu tajjeb mill-istrumenti eżistenti tal-UE, sabiex jespandu l-azzjonijiet tal-adozzjoni mill-utenti madwar l-Istati Membri bl-appoġġ tal-entitajiet fdati, filwaqt li jittieħed vantaġġ mir-rakkomandazzjonijiet tal-Forum tal-Utenti ta' Copernicus;
- v. l-opportunità li jinkisbu l-ħiliet biex tiġi żviluppata l-adozzjoni mill-utenti u jingħata kontribut għat-tnaqqis tad-distakk spazjali u diġitali madwar l-Ewropa, b'mod partikolari permezz tal-bini tal-kapaċità fl-Istati Membri kollha u t-taħriġ ta' professjonisti, imprendituri u akkademiċi nazzjonali;
- vi. l-iżvilupp ta' miżuri mmirati biex itejbu l-kapaċità madwar l-Istati Membri b'industrija spazjali emerġenti, appoġġ għall-ekosistema ta' Spazju Ġdid u s-settur downstream.
